



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.10.2012
COM(2012) 587 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**RAPPORT TA' PROGRESS DWAR L-IŻVILUPP TAS-SISTEMA TA'
INFORMAZZJONI TA' SCHENGEN TAT-TIENI ĠENERAZZJONI (SIS II)
Jannar tal-2012 – Ġunju tal-2012**

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Fejn Wasal il-Proġett.....	3
2.1.	Ħarsa ġenerali lejn il-progress matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat	3
2.2.	Qafas tekniku għall-finalizzazzjoni tal-proġett	4
2.3.	Tħejjija għall-migrazzjoni	7
2.4.	Netwerk tas-SIS II.....	9
2.5.	Is-Sigurtà	9
3.	Il-ġestjoni	9
3.1.	Aspetti finanzjarji.....	9
3.2.	Immaniġġjar operazzjonali.....	10
3.3.	Ġestjoni tal-proġett.....	10
3.3.1.	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali (BGPG).....	10
3.3.2.	Il-Kumitat tas-SIS-VIS (SIS II).....	11
3.3.3.	Ippjanar u koordinazzjoni nazzjonali	11
3.3.4.	Il-Kunsill	11
3.3.5.	Il-Parlament Ewropew.....	12
3.3.6.	Il-Ġestjoni tar-Riskju.....	12
4.	Prijoritajiet għall-perjodu li jmiss ta' rapportar	12
5.	Konklużjonijiet.....	13

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

RAPPORT TA' PROGRESS DWAR L-IŻVILUPP TAS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI TA' SCHENGEN TAT-TIENI ĠENERAZZJONI (SIS II) Jannar tal-2012 – Ġunju tal-2012

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport ta' progress jiddeskrivi x-xogħol li sar mill-Kummissjoni fl-ewwel semestru tal-2012 rigward l-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) u l-preparazzjoni għall-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II. Huwa ġie ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008¹ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008² dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-SIS II.

2. FEJN WASAL IL-PROĠETT

2.1. Ħarsa ġenerali lejn il-progress matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat

Wara l-ittestjar tal-komponenti tas-sistemi nazzjonali u ċentrali fis-semestru preċedenti, il-punt fokali tal-attività fl-ewwel nofs tal-2012 kienu t-testijiet intensivi tas-sistema ċentrali u l-interazzjoni dejjem akbar tagħha mas-sistemi nazzjonali. It-tnejn jidher għall-aħħar stadji tal-proġett, jiġifieri t-tlestija tat-test komprensiv u l-migrazzjoni effettiva tad-dejta, avvanzaw konsiderevolment matul il-perjodu ta' rapportar.

Ir-riżultat tat-tieni test importanti eżegwit bejn it-2 u s-7 ta' Mejju mill-Kummissjoni, li kien jinvolvi haxx-il Stat Membru u li kien suċċess, ta' prova tal-maturità tas-Sistema Ċentrali u juri l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-proġett.

L-aderenza mal-iskeda globali ġiet irrispettata, minkejja l-isfidi li jirriżultaw mill-attivitajiet impenjattivi ta' ttestjar imwettqa b'mod parallel kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak nazzjonali:

(i) Diversi Stati Membri ħadu vantaġġ tal-iskeda estiża sabiex ilestu l-kampanji nazzjonali tagħhom ta' testijiet estiżi tal-konformità (CTE). Peress li t-tweġġiq b'suċċess ta' din il-fażi ta' ttestjar hija prerekwiżit għall-parteċipazzjoni fit-test komprensiv, il-bqija tal-kwistjonijiet fil-

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43).

livell nazzjonali ġew progressivament trattati mill-Istati Membri rispettivi u mill-Kummissjoni rispettivament bħala kwistjoni ta' urġenza.

(ii) In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' għodod li jissodisfaw il-kwalifiki u li huma vvalidati għall-ittestjar tas-SIS 1+, li Franza kellha tforri, ħalla impatt fuq it-testijiet fil-livell ċentrali, b'mod partikolari fit-tħejjija tat-tieni test importanti. Wara konsultazzjoni xierqa mal-Istati Membri, permezz tal-użu ta' għodod għall-ittestjar tas-SIS II, ġie evitat li l-iskeda globali tintlaqat mir-riskju relatat tad-dewmien. Dawn l-għodod tal-aħħar, diġà previsti għall-użu matul it-tieni test importanti, kienu kkwalfikati u vvalidati bis-sħiħ bi trasparenza sħiħa fir-rigward tal-Istati Membri. Eventwalment kienet disponibbli, fi ħdan il-qafas u għall-iskop tat-test komprensiv, waħda miż-żewġ għodod għall-ittestjar tas-SIS 1+.

(iii) Wara li kien kkonfermat li ma kienx disponibbli l-manijer tat-test prinċipali oriġinarjament previst (jiġifieri l-kuntrattur tas-SIS 1 tal-Istati Membri), espert minn wieħed mill-Istati Membri ħa f'idejh dan l-irwol wara li ġie maħtur mill-grupp ta' ħidma adattat tal-Kunsill. Wara stedina mill-Presidenza, il-Kummissjoni impenjat ruħha li timplimenta soluzzjoni kuntrattwali biex tipprovdi appoġġ tekniku lill-manijer tat-test prinċipali tal-Istati Membri.

Sfidi bħal dawn kienu jeħtieġu koperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-esperti mill-Istati Membri fi ħdan il-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali (BGGP) u l-Kumitat tas-SIS-VIS. Kollox ma' kollox, l-approċċ kostruttiv ġenerali tal-partijiet interessati żgura li l-proġett baqa' miexi sew, kemm f'termini ta' żmien kif ukoll f'termini ta' baġit.

2.2. Qafas tekniku għall-finalizzazzjoni tal-proġett

Testijiet

Dawn l-aħħar xhur kienu ddedikati għall-attivitajiet tal-ittestjar sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-SIS II b'mod ġenerali. Twettqu bosta kampanji ta' ttestjar matul dan il-perjodu ta' rapportar sabiex ikunu ppruvati l-istabbiltà, il-funzjonament xieraq u r-rendiment taż-żewġ sistemi, dik ċentrali u dik nazzjonali.

(a) is-CTE

Il-kampanja tat-test estiż tal-konformità (CTE) għandha l-għan li tivverifika l-konformità tas-sistemi nazzjonali mal-ispeċifikazzjonijiet tas-SIS II. Sa nofs Ġunju, il-maġġoranza (26) tal-Istati Membri kienu spiċċaw b'suċċess il-kampanja nazzjonali tagħhom tas-CTE. Madankollu, erba' Stati Membri kienu għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' kwistjonijiet tekniċi, li żammewhom milli jidħlu mal-ewwel gruppi tat-Test Komprensiv. Iċ-ċaqliq tal-maġġoranza tal-Istati Membri affettwati għal mal-aħħar grupp tal-ittestjar (il-grupp 4) tat-test komprensiv, hekk kif f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-kuntratturi jkun qed jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi, għandu jagħti żmien biżżejjed biex jitwettaq it-titjib meħtieġ sa Awwissu 2012 l-aktar tard.

(b) is-CSQT mingħajr l-Istati Membri

Meta twettqu eluf ta' każijiet ta' ttestjar, it-testijiet għall-kwalifikazzjoni tas-Sistema Ċentrali mingħajr l-Istati Membri (is-CSQT mingħajr l-IM) kellhom l-għan li jivverifikaw li s-Sistema Ċentrali tissodisfa l-ħtiġijiet funzjonali kif ukoll dawk li mhumiex. Ir-rabta bejn l-Unità Ċentrali (CU) tas-sistema fi Strasburg u l-Unità Ċentrali ta' appoġġ (BCU) f'St. Johann im

Pongau ġiet ittestjata sabiex ikun żgurat li jkun hemm dejta ekwivalenti fiż-żewġ bażijiet tad-dejta. Din il-fażi tal-ittestjar bdiet f'Lulju 2011 u tlestiet f'Jannar 2012.

(b) is-CSQT bl-Istati Membri

It-testijiet għall-kwalifikazzjoni tas-Sistema Ċentrali bl-Istati Membri, filwaqt li bnew fuq kampanja ta' ttestjar preċedenti però bid-differenza notevoli li tmien sistemi nazzjonali attivi pparteċipaw fit-test, bdew kif previst fis-16 ta' Jannar 2012 u spiċċaw fid-19 ta' Frar. It-test kien aċċettat fis-27 ta' April 2012.

(d) il-PSAT

It-Test ta' Aċċettazzjoni Proviżorja tas-Sistema (PSAT) sar f'Marzu 2012. Il-PSAT dam ħamest ijiem, li matulhom it-tmax-il Stat Membru voluntier ittestjaw l-ammont ta' dejta tagħhom fuq iż-żewġ unitajiet, kemm fuq dik ċentrali kif ukoll fuq dik ta' appoġġ. L-analiżi tar-riżultati tindika li ż-żewġ unitajiet issuperaw it-test mingħajr problemi sostanzjali, għalkemm kien meħtieġ ċertu ttestjar mill-ġdid fil-BCU. Barra minn hekk, il-fażi tat-test enfasizzat in-nuqqas ta' robustezza ta' ċerti sistemi nazzjonali, li kellhom jiġu sostitwiti minn simulaturi matul it-twettiq tat-test. Sadanittant, dawn in-nuqqasijiet nazzjonali ġew indirizzati kif suppost.

(e) It-tieni test importanti (M2)

Il-qofol tal-perjodu tar-rapportar kien it-twettiq tat-tieni test Importanti. Dan it-test kien it-tieni kontroll addizzjonali mdaħħal fl-iskeda tal-ittestjar tal-proġett fuq talba tal-Kunsill ĠAI f'Ġunju 2009³.

Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2009, Franza kellha tadatta ċerti għodod għall-ittestjar tas-SIS 1 biex jintlaħqu l-għanijiet tat-testijiet importanti. L-ewwel għodda, li kellha tirreġistra t-tranżazzjonijiet li jiġu skambjati bejn is-Sistema Ċentrali u s-sistemi nazzjonali, ġiet abbandunata f'Marzu 2012, filwaqt li t-tieni waħda, maħluqa sabiex tanalizza r-rekords biex jiġi ddeterminat jekk il-prestazzjoni tas-sistema tikkonformax mal-ispeċifikazzjonijiet, kienet tikkwalifika biss parzjalment sakemm sar it-test Komprensiv, iżda ma kinitx lesta għat-tieni test Importanti. Bħala miżura ta' mitigazzjoni sabiex tinżamm l-attivazzjoni pplanjata tas-sistema f'Marzu 2013 filwaqt li tkun iggarantita l-kredibbiltà ta' din il-kampanja ta' ttestjar, ġie deċiż, bi ftehim mal-parti l-kbira tal-esperti mill-Istati Membri, li għall-fini tat-tieni Stadju Ewlieni jintużaw biss dawk l-istrumenti għall-ittestjar imsemmija espliċitament fil-Konklużjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2009 li kienu lesti, jiġifieri l-għodod għall-ittestjar tas-SIS II żviluppatti mill-kuntratturi tal-Kummissjoni. Wara ħafna ttestjar, dawn l-għodod kienu jikkwalifikaw għall-Istati Membri kollha.

Il-qofol tat-tieni Stadju Ewlieni seħħ bejn it-2 u s-7 ta' Mejju bl-involviment tas-sistemi nazzjonali ta' ħdax-il Stat Membru. Is-sistema ċentrali u s-sistemi nazzjonali skambjaw mingħajr interruzzjoni 'l fuq minn żewġ miljun tranżazzjoni standard (li jikkonsistu fil-ħolqien, l-aġġornament jew it-tneħħija tat-twissijiet tas-SIS II), u b'hekk f'ħamest ijiem qabżu l-ammont tas-SIS 1 ta' xahar sħiħ kif ukoll ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2009. B'mod parallel, matul dawn il-ħamest ijiem is-sistema għaddiet ukoll madwar 50 miljun sottomissjoni lill-bażi tad-dejta ċentrali, funzjonalità li ma teżistix fis-SIS 1. It-test wera li l-Unità Ċentrali u dik ta' Appoġġ baqgħu kompletament sinkronizzati.

³ 10708/09

Ma seħħewx interruzzjonijiet jew irtirar, u Stat Membru wieħed biss ħabbat wiċċu ma' qtugħ tal-elettriku għal ħin qasir, iżda s-sistema Ċentrali u s-sistema Nazzjonali ggestew dan l-inċident b'mod effiċjenti.

Essenzjalment, it-tieni test Importanti wera l-istabbiltà tas-sistema Ċentrali tas-SIS II taħt kundizzjonijiet operattivi. Kif spjegat fid-dettall fir-rapport ta' validazzjoni tal-Kummissjoni, l-oġettiv tal-Istadju Importanti (jiġifieri li jiġu ppruvati l-istabbiltà, l-affidabilità u l-prestazzjoni tas-Sistema Ċentrali) ntlaħaq. Il-kundizzjonijiet għad-dħul, l-eżekuzzjoni u l-ħruġ ġew issodisfati. It-tnax-il kriterju għas-suċċess ġew irrispettati.

Skont il-proċedura stabbilita fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2009⁴, ir-riżultat tat-test kien evalwat teknikament u vvalidat mill-Kummissjoni flimkien mal-BĠPG u t-Task Force tas-SIS II fis-26 ta' Ġunju. Ir-rikonoxximent formali ta' dan il-verdett pożittiv mill-COREPER u mill-Kunsill, imbagħad, wasal f'Lulju 2012. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultat tat-test.

(f) It-test Komprensiv

Il-verżjoni finali tal-pjan tat-test komprensiv li tiddeskrivi l-aħħar fażi ta' ttestjar minn Ġunju sa Settembru 2012 ġiet approvata mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Schengen (il-formazzjoni tas-SIS-TECH) fl-24 ta' Mejju 2012.

Filwaqt li jittieħdu inkonsiderazzjoni s-serje ta' testijiet tas-sistema Ċentrali li diġà twettqu u b'mod partikolari r-riżultat pożittiv tat-tieni test Importanti dwar l-iżvilupp, fil-COREPER tat-30 ta' Mejju⁵ 2012 il-Kummissjoni ddikjarat li l-komponenti li għalihom hija responsabbli kienu lesti. In-notifika, magħmula f'konformità mal-bażi legali tas-SIS II, ippermettiet lill-partijiet interessati jipproċedu bit-test komprensiv.

Ladarba l-għan tat-test komprensiv huwa li tiġi ttestjata l-prestazzjoni tas-sistema mill-bidu sal-aħħar, huwa meħtieġ impenn sostanzjali mill-Istati Membri. Sabiex tkun ippreżentata l-organizzazzjoni tat-test u biex l-elementi tiegħu jkunu ċċarati, ġie organizzat workshop preparatorju tekniku fil-31 ta' Mejju 2012.

Wara r-restrizzjonijiet kuntrattwali li ħabbtet wiċċha magħhom l-amministrazzjoni Franċiża, li ma ppermettewx li jinħatar kuntrattur tas-SIS 1 (kif kien previst fil-bidu), esperti minn Stat Membru ġie maħtur bħala l-Maniġer tat-Test għat-test Komprensiv għall-Istati Membri. Madankollu, fuq talba tal-Istati Membri, il-Kummissjoni qablet li tkopri b'kuntratt is-servizzi ta' sostenn tal-kuntrattur tas-SIS 1. Anki l-BĠPG assista lit-tim amministrattiv tat-test. Il-parti formali tat-test Komprensiv bdiet fid-19 ta' Ġunju bl-ewwel grupp bi tmien Stati Membri, li għandu jiġi segwit minn tliet gruppi oħra fis-semestru li jmiss. L-ewwel fażi tat-test tlestiet fis-27 ta' Ġunju. Skont analiżi preliminari, ma kienet identifikata l-ebda diffikultà kbira la fis-sistema ċentrali u lanqas f'dawk nazzjonali. Kwistjonijiet eċċezzjonali, bħal instabilità għal żmien qasir (għal ġurnata) tal-għodda ta' monitoraġġ tan-netwerk jew opinjonijiet diverġenti

⁴ It-Task Force tas-SIS II, li tikkonsisti mill-esperti tal-Istati Membri interessati, ġiet stabbilita skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill ĠAI ta' Ottubru 2006 sabiex "tassisti lill-Kunsill, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, fil-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-proġett tas-SIS II, inkluż il-livell ta' preparazzjoni tal-Istati Membri kollha"

⁵ L-Artikolu Komuni 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24.10.2008 u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24.10.2008.

fil-każ ta' test dwar il-proċeduri tekniċi, ġew solvuti immedjatament permezz ta' kooperazzjoni kollox ma' kollox tajba bejn il-partijiet involuti.

2.3. Tħejjija għall-migrazzjoni

Fil-qalba tal-arkitettura interim għall-migrazzjoni hemm konvertitur imfassal biex jippermetti t-trasferiment tad-dejta tas-SIS 1 għas-sistema l-ġdida⁶.

Wara li għadda t-Testijiet ta' Aċċettazzjoni tal-Fabbrika f'Ottubru 2011, il-konvertitur intbagħat lejn Strasburgu u ġie ttestjat mas-SIS II (Test tas-Sistema ta' Soluzzjoni - SST1) bi preparazzjoni għal aktar ittestjar mas-SIS 1+. Barra minn hekk, il-Kummissjoni installat u ttestjat il-komponenti tal-komunikazzjoni SIS 1+ meħtieġa fil-konvertitur innifsu, pass neċessarju qabel mal-konvertitur jitwaħħal mas-SIS 1+. Saru t-tħejjijiet sabiex iqabdbu l-konvertitur f'ambjent ta' ttestjar fil-bidu tal-2012.

Fl-ewwel nofs tal-2012, il-konvertitur ġie ttestjat mas-SIS 1+ (Testijiet ta' Kwalifikazzjoni). Sa minn tmiem Mejju 2012, il-konvertitur qed jiġi ttestjat maż-żewġ sistemi (Test tas-Sistema ta' Soluzzjoni – Integrazzjoni Sħiħa (SST2)). Il-preparazzjonijiet għall-infrastruttura tlestew u t-testijiet funzjonali bdew fil-11 ta' Ġunju 2012 kif kien previst. Dan il-fażi ta' ttestjar għandha titlesta sa tmiem Awwissu 2012. Wara l-fażi ta' provi, il-pass li jmiss se jkun il-migrazzjoni f'ħin reali tad-dejta minn SIS 1+ għal SIS II kmieni fl-2013.

Ippjanar tal-migrazzjoni

F'Mejju 2012 il-Kummissjoni pproponiet emenda għall-qafas legali li jirregola l-migrazzjoni effettiva tad-dejta (l-hekk imsejħa strumenti ta' migrazzjoni). L-għanijiet huma li jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet legali mal-approċċ tekniku kif miġjehem flimkien mal-Istati Membri fl-2011, u sabiex tkun ipprovduta faċilità finanzjarja addizzjonali lill-Istati Membri għall-attivitajiet relatati mal-migrazzjoni li jkunu definiti sew. L-adozzjoni tal-proposta hija mistennija għat-tieni nofs tal-2012 wara li jkun ġie kkonsultat ukoll il-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-Istati Membri fil-kitba tal-Manwal tal-Migrazzjoni, dokument li jstipula fid-dettall il-passi deskritti fil-Pjan ta' Migrazzjoni. Fl-aħħar ta' Marzu seħħ il-workshop ta' migrazzjoni dwar il-Manwal tal-Migrazzjoni, fejn l-Istati Membri qablu ma' approċċ ta' bidla rfinuta - l-Istati Membri issa huma organizzati f'erba' gruppi flok se jagħmlu l-migrazzjoni individwalment. Il-Manwal se jiddefinixxi l-irwoli u r-responsabbiltajiet matul il-proċess u se jiddeskrivi l-iskeda ddettaljata għall-migrazzjoni. Dan il-kompitu, li beda f'Diċembru 2011, irid jiġi ffinalizzat sa tmiem l-2012.

L-istrumenti legali relatati mal-migrazzjoni jstipulaw li l-Istati Membri li jipparteċipaw fis-SIS 1+ jagħmlu test dwar l-informazzjoni supplementari (testijiet funzjonali ta' SIRENE)⁷. Il-Kummissjoni komplet tappoġġja lill-Istati Membri fit-tħejjijiet tagħhom sabiex jirvedu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-iskambju tad-dejta bejn l-uffiċċji SIRENE, kif ukoll fl-elaborazzjoni ta' deskrizzjoni ddettaljata tat-testijiet funzjonali ta' SIRENE, attività li se sseħħ fit-tieni nofs tal-2012.

⁶ L-Artikolu Komuni 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24.10.2008 u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24.10.2008.

⁷ L-Artikolu Komuni 9 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI.

Bejn Frar u Ġunju 2012 il-Kumitat SISVIS għall-formazzjoni SIRENE iltaqa' erba' darbiet biex irreveđa u aġġorna l-Manwal SIRENE u miżuri oħra ta' implimentazzjoni għall-għanijiet tas-SIS II sabiex jiffinalizza l-proċeduri SIRENE u l-formoli SIRENE sa żmien il-bidu tat-testijiet Funzjonali ta' SIRENE f'Settembru 2012. L-adozzjoni rispettiva tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni hija prevista għat-tieni nofs tas-sena.

2.4. Netwerk tas-SIS II

Il-proġett tas-SIS II jinkludi l-provvediment ta' netwerk ta' komunikazzjoni fuq żona wiesgħa, li jissodisfa r-rekwiżiti ta' disponibbiltà, sigurtà, kopertura ġeografika u livell ta' servizz, biex is-sistemi nazzjonali u ċentrali jkun jistgħu jikkomunikaw.

Għal skopijiet operattivi l-Istati Membri għandhom kemm interfaces prinċipali kif ukoll oħrajn ta' riserva man-netwerk. Matul il-perjodu ta' rapportar, tkompla l-proċess ta' riattivazzjoni tal-interfaces ta' riserva tal-Istati Membri sabiex ikunu mħejjija għat-testijiet li jinvolvu l-qlib bejn is-siti prinċipali u dawk ta' riserva.

L-istrumenti legali tas-SIS II jiddeskrivu l-infrastruttura tal-komunikazzjoni ddedikata għad-dejta tas-SIS II u l-iskambju ta' dejta bejn l-uffiċċji SIRENE⁸. Wara l-konferma tal-Istati Membri dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-Server għall-Posta Elettronika tas-SIS II SIRENE, il-Kummissjoni ffinalizzat il-proċeduri tal-akkwist. Is-server għall-posta elettronika kien installat fl-ewwel nofs tal-2012, qabel it-test tal-Istati Membri dwar l-informazzjoni supplimentari. L-ewwel fażi tat-testijiet ta' konnettività bażika saru fil-15 u s-16 ta' Mejju. It-tieni fażi kompliet fl-14 u l-15 ta' Ġunju. Ir-riżultati tat-Testijiet ta' Konnettività Bażika tat-tieni fażi qed jiġu evalwati. It-tielet, u l-aħħar, fażi hija skedata għat-18 ta' Lulju 2012.

2.5. Is-Sigurtà

L-istudju dwar is-sigurtà addizzjonali tan-netwerk tas-SIS II kien ippreżentat lill-Kumitat SIS-VIS fil-perjodu tar-rappurtaġġ preċedenti. Ġiet identifikata soluzzjoni teknika, li tikkonforma mal-ħtiġijiet kollha, u sussegwentement ġie mibdi proġett pilota. It-tagħmir neċessarju ġie mixtri u bejn Ottubru 2011 u Frar 2012 saret l-ewwel fażi ta' ttestjar f'ambjent ikkontrollat. L-għażliet tekniċi kollha biex titpoġġa fil-prattika soluzzjoni ġew invalidati. Il-pass li jmiss tal-proġett pilota se jkun li jitwettaq test ieħor, li għalih se tkun meħtieġa l-parteciċipazzjoni ta' tliet Stati Membri voluntiera. Il-Ġermanja u l-Awstrija diġà resqu biex jipparteciċipaw u qed jiġi mfittex voluntier ieħor. It-test mistenni li jseħħ f'Settembru 2012.

3. IL-ĠESTJONI

3.1. Aspetti finanzjarji

Baġit tas-SIS II

Sal-aħħar tal-perjodu ta' rapportar, l-impenji baġitarji totali magħmula mill-Kummissjoni fuq il-proġett tas-SIS II mill-2002 ammontaw għal EUR 149 811 765. Il-kuntratti korrispondenti

⁸ L-Artikolu Komuni 4 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4) u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

jinkludu studji dwar il-fattibilità, l-iżvilupp tas-SIS II Ċentrali nnifisha, l-appoġġ u l-iżgurar tal-kwalità, in-netwerk tas-SIS II, il-preparazzjoni għall-ġestjoni operazzjonali fi Strasburgu, is-sigurtà, il-preparazzjonijiet bijometriċi, il-komunikazzjoni u l-ispejjeż tal-missjoni tal-esperti.

Minn dan l-ammont, EUR 109 899 337 fil-fatt tħallsu bejn l-2002 u t-tmiem ta' Ġunju 2012. L-entrati ta' nefqa ewlenin kienu l-iżvilupp (EUR 62 364 845), in-netwerk (EUR 27 379 985), l-appoġġ u l-iżgurar tal-kwalità (EUR 11 207 827) u l-preparazzjoni għall-ġestjoni operazzjonali fi Strasburgu u Sankt Johann im Pongau (EUR 7 279 228).

<u>Eżekuzzjoni tal-baġit</u>				
	<u>Mill-2002 sa Ġunju 2012</u>		<u>Minn Jannar sa Ġunju 2012</u>	
<i>(EUR)</i>	<u>Impenji</u>	<u>Ħlasijiet</u>	<u>Impenji</u>	<u>Ħlasijiet</u>
<u>L-iżvilupp (HP/Stéria)</u>	<u>80 593 047</u>	<u>59 285 803</u>	<u>0</u>	<u>8 213 662</u>
<u>L-iżvilupp (Atos)</u>	<u>3 535 041</u>	<u>3 079 041</u>	<u>0</u>	<u>1 814 541</u>
<u>Is-sostenn u l-garanzija tal-kwalità</u>	<u>14 281 792</u>	<u>11 207 827</u>	<u>1 189 523</u>	<u>1 715 330</u>
<u>In-Netwerk</u>	<u>38 526 008</u>	<u>27 379 985</u>	<u>0</u>	<u>2 396 868</u>
<u>Il-preparazzjoni għall-ġestjoni operazzjonali</u>	<u>9 201 624</u>	<u>7 279 228</u>	<u>235 730</u>	<u>201 925</u>
<u>Is-Sigurtà</u>	<u>1 358 310</u>	<u>221 739</u>	<u>0</u>	<u>4 027</u>
<u>L-istudji / Il-konsulenza</u>	<u>1 064 410</u>	<u>963 207</u>	<u>103 279</u>	<u>20 947</u>
<u>Il-Kampanja ta' Informazzjoni</u>	<u>33 373</u>	<u>33 373</u>	<u>0</u>	<u>0</u>
<u>Spejjeż tal-Missjonijiet tal-Esperti</u>	<u>1 203 286</u>	<u>434 259</u>	<u>0</u>	<u>117 682</u>
<u>Oħrajn</u>	<u>14 874</u>	<u>14 874</u>	<u>0</u>	<u>0</u>
<u>TOTAL :</u>	<u>149 811 765</u>	<u>109 899 337</u>	<u>1 528 532</u>	<u>14 484 983</u>

Finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp nazzjonali tal-Istati Membri

Sabiex tkun appoġġjata t-tlestija tal-proġetti nazzjonali żviluppati permezz tal-Fond Ewropew għall-Fruntieri Esterni (EBF), twettqet riallokazzjoni sinifikanti tar-riżorsi għall-proġetti nazzjonali tas-SIS II fi ħdan il-qafas ta' programmar tal-2011 għall-EBF. Il-parti tal-

azzjonijiet komunitarji tal-EBF saret disponibbli għal tmien Stati Membri b'restrizzjonijiet sabiex ikunu akkomodati l-ħtiġijiet ulterjuri fil-programmi annwali tagħhom għall-2011.

Dawn il-proġetti bdew fi tmiem l-2011 u suppost li jitlestew fi tmiem is-sajf jew kmieni fil-ħarifa tal-2012.

3.2. Immaniġġjar operazzjonali

Wara l-adozzjoni tar-Regolament li stabbilixxieha, f'Ottubru 2011⁹, l-Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja se terfa' r-responsabbiltà tagħha rigward l-immaniġġjar operazzjonali tas-SIS II ladarba din is-sistema tkun bdiet topera.

Il-Kummissjoni bdiet twestaq il-kompiti amministrattivi meħtieġa sabiex tiġi varata l-Aġenzija. L-Istati Membri u l-Kummissjoni nnominaw lir-rappreżentanti tagħhom fil-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Aġenzija kif ukoll il-gruppi konsultattivi rispettivi. B'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolament li jwaqqaf l-Aġenzija, fis-16 ta' April ġie maħtur Direttur Eżekuttiv interim.

Il-Bord ta' Amministrazzjoni ltaqa' darbtejn matul dan is-semestru – il-laqqha inawgurati tal-Bord ta' Amministrazzjoni seħħet fit-22-23 ta' Marzu 2012 f'Tallinn, u t-tieni laqqha, li saret fit-28 ta' Ġunju u li matulha ntgħażel id-Direttur Eżekuttiv regolari. Wara dikjarazzjoni quddiem il-Kumitat LIBE fl-10 ta' Lulju, il-Parlament Ewropew dalwaqt se jadotta opinjoni dwar il-kandidat magħżul. Sussegwentement, il-kandidat li jintgħażel għandu jiġi maħtur mill-Bord ta' Amministrazzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub. L-ewwel laqqha tal-grupp konsultattiv tas-SIS II saret fis-6-7 ta' Ġunju.

Fil-proċess hemm aktar attivitajiet preparatorji sabiex titwaqqaf l-Aġenzija u l-ambjent tax-xogħol tagħha li jippermettulha twestaq il-ħidma fdata lilha mill-1 ta' Diċembru 2012 (jiġifieri r-reklutaġġ tal-persunal, l-armar tal-bini temporanju, l-iffinalizzar tad-dokumenti ewlenin li se jippermettu lill-Aġenzija topera, bħall-programm ta' ħidma għall-2012 u l-2013, l-innegozjar ta' ftehimiet ma' Stati Membri ospitanti u pajjiżi assoċjati).

3.3. Ġestjoni tal-proġett

3.3.1. Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali (BGPG)

Fl-ambitu tal-mandat tiegħu kif ifformalizzat mill-istrument legali dwar il-migrazzjoni adottat fit-3 ta' Ġunju 2010, il-BGPG kompli jipprovdi konsulenza għall-ikkjarifikar ta' varjetà kbira ta' kwistjonijiet relatati mal-proġett u ffukati fuq it-tnejn tat-tieni test Importanti u t-test Komprensiv. L-iskambju ta' fehmiet bejn il-Presidenza, il-Kummissjoni, diversi esperti tal-Istati Membri u l-kuntrattur prinċipali tal-Kummissjoni komplew jilħqu l-għan tal-BGPG, jiġifieri li jkun hemm konsistenza bejn il-proġetti ċentrali u nazzjonali tas-SIS II.

Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport seħħew għoxrin laqqha plenarja tal-BGPG.

⁹ Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011

3.3.2. Il-Kumitat tas-SIS-VIS (SIS II)

Kien hemm ħames laqgħat tal-Kumitat tas-SIS-VIS dwar kwistjonijiet tekniċi tas-SIS II fil-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2012. Fi ħdan dan il-qafas tal-komitoloġija, inkisbu diversi approvazzjonijiet ewlenin dwar il-migrazzjoni u l-ittestjar.

Barra mil-laqgħat regolari tal-Kumitat tas-SIS-VIS, jiġu organizzati gruppi ta' ħidma tal-Kumitat u sessjonijiet ta' ħidma li jinvolvu lill-esperti tal-Istati Membri biex jiġu diskussi kwistjonijiet tekniċi ddettaljati. Dawn il-laqgħat ġeneralment jiffukaw fuq kwistjonijiet li jinbtu minn riżultati tanġibbli u speċifiċi tal-proġett:

- Il-Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet (GKT) jipprovdi lill-Kumitat tas-SIS-VIS b'opinjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-organizzazzjoni, l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tat-testijiet. Dan il-grupp iltaqa' 23 darba f'dan il-perjodu ta' rapportar.
- Il-Bord ta' Ġestjoni għall-Bidla (CMB) jipprovdi konsulenza dwar il-klassifikazzjoni, il-kwalifiki u l-impatt potenzjali tal-korrezzjoni tal-problemi rrapportati. Minħabba l-ammont ta' sforz li sar sabiex jiġu miftiehma l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi aġġornati tas-sistema ċentrali fl-2010-11 u l-ħtiġijiet stabbiliti wara, dan il-grupp ta' ħidma, li jirrapporta wkoll lill-Kumitat tas-SIS-VIS, ma ġiex imlaqqa' formalment matul il-perjodu ta' rapportar; L-Istati Membri u l-Kummissjoni, madankollu, irrededew u aġġornaw ir-regoli ta' proċedura tas-CMB sabiex jippermettu lill-Istati Membri jivvalutaw jekk it-tibdiliet ipplanati fis-sistemi nazzjonali tagħhom humiex konformi mas-sistema ċentrali.
- Waqt dan il-perjodu kien hemm workshop wieħed dwar il-migrazzjoni tas-SIS II.

3.3.3. Ippjanar u koordinazzjoni nazzjonali

Ġie organizzat grupp ta' ħidma ffurmat mill-maniġers nazzjonali tal-proġett (NPM) fl-Istati Membri biex jagħtu pariri lit-tim tal-proġett fil-Kummissjoni. L-iskop tal-laqgħat tal-NPM hu li ssir ħidma dwar kwistjonijiet dettaljati ta' pjanar, ta' riskji u ta' attivitajiet kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak nazzjonali. Matul dan il-perjodu ta' rapportar saru ħames laqgħat tal-NPM.

3.3.4. Il-Kunsill

F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill u sabiex tinżamm trasparenza sħiħa, il-Kummissjoni żżomm lill-Kunsill regolarment infurmat dwar l-implimentazzjoni tal-Iskeda Globali għas-SIS II u n-nefqa fuq il-proġett ċentrali.

Fi ħdan il-korpi tal-Kunsill, il-Kummissjoni tkompli tipparteċipa b'mod attiv fil-laqgħat kif ukoll fit-tnejn tagħhom. Biex tasal għall-kjarifika u għas-soluzzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni li l-Istati Membri jistgħu jqajjmu, il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni tmur lil hinn mis-sempliċi aġġornament regolari dwar l-istat tal-proċedimenti. B'mod ġenerali, grazzi għal atmosfera ġenerali ta' koperazzjoni, il-kwistjonijiet involuti ġew solvuti fil-livell tekniku. Xogħol preparatorju bir-reqqa, inkluża ittra mibgħuta mill-Kummissarju qabel il-Kunsill ĠAI ta' April, irriżulta fi progress kostruttiv fuq livell ministerjali.

Il-Kummissjoni għadha tiċċirkola rapport qasir ta' kull ġimgħa, li jiġbor fil-qosor l-iżviluppi tekniċi, lill-kollegi li jaħdmu fuq il-proġett fil-livell nazzjonali.

3.3.5. Il-Parlament Ewropew

Parti mill-appropriazzjonijiet għall-proġett tas-SIS II fil-Baġit Ġenerali tal-UE hija miżmuma fir-riżerva mill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat dwar l-istat tal-proċedimenti tas-SIS II. Minbarra li twettaq l-obbligi ta' rapportar li ġejjin mill-istrumenti legali tas-SIS II permezz tar-Rapport ta' Progress tas-SIS II¹⁰, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2009, f'diversi okkażjonijiet il-Kummissjoni pprovdiet lir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'informazzjoni aġġornata dwar kwistjonijiet finanzjarji, kuntrattwali u ta' skedar u dwar il-qagħda tal-proġett. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni rrispondiet għal mistoqsija Parlamentari dwar kwistjonijiet relatati mas-SIS II.

3.3.6. Il-Ġestjoni tar-Riskju

Il-Kummissjoni ssegwi mill-qrib r-riskji fil-proġett tas-SIS II bl-appoġġ tal-kuntrattur għall-Iżgurar tal-Kwalità. Għal kull riskju identifikat, jiġi stabbilit pjan ta' mitigazzjoni li jispeċifika miżuri ta' mitigazzjoni li għandhom jittieħdu għall-ġestjoni tar-riskju. Il-lista ta' riskji identifikati qed tinżamm aġġornata kull ġimgħa, u kull xahar tiġi ppreżentata lill-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali u tiġi diskussa miegħu.

Ir-riskji prinċipali matul il-perjodu tar-rapportar kienu kif ġej:

- dewmien li nqala' waqt it-Testijiet ta' Konformità Estiżi (CTE)
- id-disponibbiltà (jew le) ta' għodda tal-SFR li tissodisfa l-kriterji kollha
- l-iskarsezza ta' riżorsi għas-C.SIS
- iż-żmien limitat li għad fadal għall-kontinġenza fl-iskeda ta' migrazzjoni
- il-possibiltà ta' dewmien fir-riformulazzjoni tal-istrument legali tal-migrazzjoni

4. PRIJORITAJIET GĦALL-PERJODU LI JMISS TA' RAPPORTAR

Matul il-perjodu ta' rapportar li jmiss, minn Lulju sa Diċembru 2012, se jkun hemm seba' oqsma prinċipali ta' attività:

- it-temma tal-ittejtjar tas-CTE fil-livell nazzjonali;
- it-tlestija tat-test Komprensiv
- l-adozzjoni tar-riformulazzjoni tal-istrumenti tal-migrazzjoni tas-SIS II
- it-tieni Test tas-Sistema ta' Soluzzjoni tal-Konvertitur li mhuwiex funzjonali (SST2)

¹⁰ L-Artikolu Komuni 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI.

- it-testijiet funzjonali ta' SIRENE
- il-provi limitati u globali tal-migrazzjoni
- l-adozzjoni ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Manwal SIRENE u miżuri oħra ta' implimentazzjoni għas-SIS II

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-preparazzjonijiet intensivi għall-aħħar fażijiet prinċipali ta' ttestjar u l-migrazzjoni sussegwenti tad-dejta laħqu l-qofol tagħhom bil-validazzjoni tat-tieni test Importanti u l-bidu tat-test komprensiv.

L-isfidi kollha li l-proġett iltqa' magħhom waqt l-aħħar fażijiet ta' ttestjar ġew indirizzati b'suċċess, grazzi għall-approċċ ta' kooperazzjoni li ddomina bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, li ppermetta lill-proġett tas-SIS II jibqa' fit-triq it-tajba biex jiġi varat kif ippjanat fl-ewwel kwart tal-2013. F'termini ta' maturità tas-sistema intlaħaq progress konsiderevoli, u kienu mħejjija s-sisien għal tliet azzjonijiet li għandhom iseħħu tul il-kumpliment tal-2012 sabiex ikun hemm preparazzjoni għall-migrazzjoni mis-SIS1+ għas-SIS II. B'hekk it-test komprensiv, it-test funzjonali SIRENE u l-adozzjoni tal-istrumenti ta' migrazzjoni jiġu konklużi.

Laqgħat tal-Kumitat tas-SIS-VIS (SIS II) u tal-Grupp ta' Ħidma

Laqgħat li saru matul il-perjodu ta' rappurtaġġ

JANNAR 2012	
5, 11, 18, 24	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
25	Laqgħa tal-Maniġers tal-Proġett Nazzjonali tas-SIS II
25	Kumitat tas-SIS-VIS (Laqgħa ta' Formazzjoni Teknika tas-SIS II)
10, 17, 24, 31	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II

FRAR 2012	
1, 8, 15, 23, 29	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
22	Laqgħa tal-Maniġers tal-Proġett Nazzjonali tas-SIS II
22	Kumitat tas-SIS-VIS (Laqgħa ta' Formazzjoni Teknika tas-SIS II)
7, 14, 21, 28	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II

MARZU 2012	
6, 14, 22, 27	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
21	Kumitat tas-SIS-VIS (Laqgħa ta' Formazzjoni Teknika tas-SIS II)
21	Laqgħa tal-Maniġers tal-Proġett Nazzjonali tas-SIS II
6, 13, 20, 27	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II
28	Il-Workshop dwar il-Migrazzjoni tas-SIS II

APRIL 2012	
3, 11, 19, 25	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
10, 17, 24	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II

MEJJU 2012	
2, 7, 10, 16, 29	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
30	Kumitat tas-SIS-VIS (Laqgħa ta' Formazzjoni Teknika tas-SIS II)
30	Laqgħa tal-Maniġers tal-Proġett Nazzjonali tas-SIS II
31	Workshop dwar it-twettiq tat-Test Komprensiv tas-SIS II
8, 15, 22, 29	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II

ĠUNJU 2012	
13, 20, 26, 27	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
27	Kumitat tas-SIS-VIS (Laqgħa ta' Formazzjoni Teknika tas-SIS II)
27	Laqgħa tal-Maniġers tal-Proġett Nazzjonali tas-SIS II
5, 12, 19, 26	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II

Laqgħat tal-Kumitat tas-SIS-VIS (SIS II) u tal-Grupp ta' Ħidma

b) Laqgħat li huma provviżorjament skedati għall-perjodu li ġej ta' rapportar

LULJU 2012	
4, 10, 18, 24	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
26	Kumitat tas-SIS-VIS (Laqgħa ta' Formazzjoni Teknika tas-SIS II)
26	Laqgħa tal-Maniġers tal-Proġett Nazzjonali tas-SIS II
3, 10, 17, 24, 31	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II

AWWISSU 2012	
1, 8, 22, 29	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II

7 , 14 , 21 , 28	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II
---------------------	--

SETTEMBRU 2012	
5 , 12 , 19 , 26	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
27	Kumitat tas-SIS-VIS (Laqgħa ta' Formazzjoni Teknika tas-SIS II)
27	Laqgħa tal-Maniġers tal-Proġett Nazzjonali tas-SIS II
4 , 11 , 18 , 25	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II

OTTUBRU 2012	
3 , 10 , 17 , 24 , 31	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
26	Kumitat tas-SIS-VIS (Laqgħa ta' Formazzjoni Teknika tas-SIS II)
26	Laqgħa tal-Maniġers tal-Proġett Nazzjonali tas-SIS II
2 , 9 , 16 , 23 , 30	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II

NOVEMBRU 2012	
7 , 14 , 21 , 28	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
29	Kumitat tas-SIS-VIS (Laqgħa ta' Formazzjoni Teknika tas-SIS II)
29	Laqgħa tal-Maniġers tal-Proġett Nazzjonali tas-SIS II
6 , 13 , 20 , 27	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II

DIĊEMBRU 2012	
5 , 12 , 19	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm Globali tas-SIS II
20	Kumitat tas-SIS-VIS (Laqgħa ta' Formazzjoni Teknika tas-SIS II)

20	Laqgħa tal-Maniġers tal-Proġett Nazzjonali tas-SIS II
4 , 11 , 18	Laqgħa tal-GKT (Grupp Konsultattiv dwar it-Testijiet) dwar is-SIS II